**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Numru: 593/2018**

**Illum, tlettax (13) ta' Marzu, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Omissis detentur tal-karta tal-identità 367798M** akkuzat talli xi gurnata matul ix-xahar ta' Awwissu 2018 gewwa Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar u f'dawn il-Gzejjer;

1. **Permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma' persuna ta' taht l-eta' cioe Omissis minuri ta' 14 il-sena bil-hsieb li jitwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A u dik il-proposta giet segwita b'att materjali li waslu ghal dik il-laqgha.**
   **Art 208AA(1), ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

2. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' u cioe' ma' Omissis minuri ta' 14 il-sena;**
   **Art. 204C(1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

3. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.**
   **Art. 209 ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-**

**Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittma u l-familjari taghha.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Settembru, 2021 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija fil-konfront ta' Omissis u cioè:-

1. Fl-artikoli 208AA(1) u 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-artikoli 17, 31, 209A, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi dan huwa kaz car daqs il-kristall fejn l-imputat Omissis kellu x'jaqsam sesswalment ma' minuri Omissis li dakinhar meta sar ir-reat din kienet ghadha minuri taht it-tlettax (13)-il sena. Illi din il-Qorti rat ix-xhieda kollha migbura specjalment l-interrogazzjoni tal-imputat Omissis fejn hareg car illi kienet il-minuri Omissisli bdiet thajjar lill-imputat sabiex jiltaqghu u jibdew johorgu flimkien u meta darba wahda kienu Bahar ic-Caghaq hdejn l-*Isplash and Fun* sar l-att sesswali. Illi missier Omissis sar jaf b'din il-haga minn habib komuni li kellu mal-imputat u b'hekk sar ir-rapport.
Fil-fatt Omissis fl-interrogazzjoni tieghu, u wara li nghata d-drittijiet kollha fil-ligi, spjega illi dawn bdew johorgu xi

ftit wara l-festa ta' Santa Maria f'Awwissu u dakinhar tar-reat mar ghaliha d-dar u marru Bahar ic-Caghaq fejn l-ewwel bdew jitkellmu mbaghad kellhom x'jaqsmu sesswalment billi ghamlu l-att komplut. Jghid illi fl-ebda hin hu ma sfurzaha izda kollox kien kunsenswali. Jghid però li kien konxju li Omissis kellha hmistax (15)-il sena izda peress li hi kienet xebghet tiffittah huwa ma rrezistiex.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' Omissisa folio 70 tal-process liema certifikat jghid li din twieldet fid-19 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rapport tal-espert tal-informatika Dr. Steven Farrugia Sacco fejn ezamina u nizzel il-messaggi ta' bejn l-imputat u l-minuri u fejn acceda fl-*account* ta' *facebook* taghha bil-*username* u *password:* ***hayleytonna3@gmail.com***.

Semghet il-minuri **Omissis** bil-gurament u bis-sistema awdjo-viziva fejn tikkonferma li kien hemm okkazjoni darba biss fejn hija kellha l-att sesswali mal-imputat u dan wara l-festa ta' Santa Liena u kien f'Bahar ic-Caghaq. Tghid illi hija kienet li pproponiet lil Omissis sabiex imorru Bahar ic-Caghaq u hemmhekk gara li gara. Hija tikkonferma li riedet tohrog wahidha ma' Omissis u mhux ma' shabu.

Tghid ukoll illi fil-messaggi ta' bejnha u Omissis hi kienet qaltlu li qabel hu kellha xi relazzjonijiet ma' guvintur ta' ghoxrin (20) sena.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputat Omissis qed jigi akkuzat fost l-ohrajn ir-reat taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> *"Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-għemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' żvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikoloġiku, il-piena għandha titnaqqas bi grad jew żewġ gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat Omissis u l-minuri Omissis kien wiehed

kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku. Illi hareg car illi l-minuri Omissiskienet konsapevoli ta' dan l-att sesswali tant illi hija stess tixhed illi kienet baghtet messaggi lill-imputat li hija kellha relazzjonijiet ma' guvintur ta' ghoxrin (20) sena.

Hareg car ukoll illi kienet l-istess Omissisli pproponiet lill-imputat sabiex johorgu flimkien u wehidhom u kienet hi li ddirigietu sabiex imorru Bahar ic-Caghaq f'post fejn huwa mwarrab u fejn huwa maghruf li koppji jmorru sabiex jinnamraw.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat u tal-minuri Omissisilli dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu dsatax (19)-il sena u l-minuri Omissis kellha hmistax (15)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u Omissis kien hemm differenza ta' erba' (4) snin biss. Illi hareg ukoll mit-testimonjanzi tal-imputat u tal-minuri u minn dak li setghet tara l-Qorti b'ghajnejha, illi l-livell ta' zvilupp ta' bejniethom kien qrib hafna anzi din il-Qorti tazzarda tghid illi dik tal-minuri Omissiskien xi daqsxejn aktar elevat minn dak tal-imputat u dan qed jinghad ghaliex mill-atti ma hareg xejn li jindika li l-minuri kellha xi mankanza mentali jew psikologika li timpedilha li jkollha zvilupp normali.

Illi gialdarba z-zewg partijiet involuti f'dawn l-atti kkonfermaw li sar l-att sesswali bil-kunsens u stante li din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika f'dan il-kaz din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz.

Illi a rigward l-ewwel (1) akkuza u cioè li l-imputat ippropona lill-minuri Omissisli jiltaqghu din ma gietx ippruvata anzi sar l-invers li l-minuri pproponiet u riedet bilfors tohrog mal-imputat wehidhom.

Illi ugwalment jinghad ghat-tielet (3) akkuza stante li ghalkemm l-att sar f'lok espost ghall-pubbliku ma giex ippruvat li xi terza persuna giet offiza fil-pudur jew il-morali taghha u ghalhekk anke din l-akkuza ma gietx ippruvata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 204C(1) u (3), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Omissis** hati biss tat-tieni (2) akkuza u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sena (1) filwaqt li tilliberah mill-ewwel

(1) u t-tielet (3) akkuzi fuq nuqqas ta' provi u kif ukoll liema Ordni qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ulterjorment u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed timponi lill-imputat Omissis sabiex ihallas l-ispejjez peritali li jammontaw ghal erba' mija u sitta u hamsin ewro u seba' centezmi (€456.07).

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**